MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-2 ta' Frar, 2007

Citazzjoni Numru. 65/2004

Pietru, Vincenza miżżewġa Żammit,
Ġanna miżżewġa Azzopardi,
Marija miżżewġa Borg,
Carmela magħrufa bħala Lina miżżewġa Rapa,
Tereża, xebba u Rita armla Ellis,
Ilkoll aħwa Camilleri, ulied il-mejtin Ġużeppi
Camilleri u Karmela mwielda Vella,
kif ukoll Maria miżżewġa Falzon .

vs

Michael u Marija konjuġi Portelli .

Il-Qorti ,

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-atturi, wara li ppremettew :

Illi l-konvenut Michael Portelli permezz ta' ittra tal-legali tiegħu tas-sbatax (17) ta' Frar tas-sena elfejn u erbgħa

(2004) hawn annessa u mmarkata bħala Dok "A" rrespinġa u ċaħad il-pretensjonijiet illi l-atturi avvanzaw fl-ittra tagħhom tal-erbatax (14) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlieta (2003) hawn annessa u mmarkata bħala Dok "B", liema ittra kienet irrevendikat it-titlu tal-atturi fuq it-territorju fil-kuntrada ġja msejħa "Ta' Saveria", illum magħrufa bħala "Ta' Sufa" fil-limiti tan-Nadur tal-kejl ta' ċirka elfejn ħames mija u sitta u sittin metru kwadru (2,566 m.k.), fuq liema territorju hemm mibnija mitħna diżabitata .
Illi l-konvenut Michael Portelli fl-ittra tiegħu suċitata asserixxa "id-dritt u l-interess (tiegħu) fil-proprjeta' msemmija .

U billi l-konvenut Michael u Marija konjuġi Portelli, minkejja li ġew debitament interpellati fil-ħamsa (5) ta' Ġunju tas-sena elfejn u erbgħa (2004), naqsu illi jirtiraw tali allegazzjoni anzi reġgħu asserixxew il-pożizzjoni tagħhom fl-ittra tal-legali tagħhom tal-erbatax (14) ta' Ġunju tas-sena elfejn u erbgħa (2004) hawn annessa u mmarkata bħala Dok. 'C' .

U billi l-atturi għandhom interess illi jilliberaw ruħhom minn din il-millantazzjoni tal-konvenuti .

Talbu lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhiex din il-Qorti :

1. m'għandhiex tipprefiġġi terminu ta' mhux aktar minn tlett xhur sabiex il-konvenuti jiddeduċu fil-ġudizzju dina l-pretensjoni tagħhom fuq l-art in kwistjoni ;

2. fil-każ li ma jiddeduċux fit-terminu li jingħata lilhom, m'għandhiex lilhom timponi s-silenzju perpetwu billi jiġi lilhom impedut li qatt jipproċedu b'dina l-pretensjoni mmaġinarja tagħhom .

Bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittri interpellatorja tal-ħamsa (5) u tas-sittax (16) ta' Ġunju tas-sena elfejn u erbgħa (2004 ) .

Bl-inġunzjoni tal-konvenuti għas-subizzjoni li għaliha minn issa huma mħarrka .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-atturi kkonfermata bil-ġurament ta' Rita Ellis .

Rat in-nota ta’ l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti li eċċepew illi :

1. Illi filwaqt illi huma jasserixxu l-pretensjoni d-dritt u l-interess tagħhom kemm fil-proprjeta' kif ukoll fil-pussess ta' l-attur fit-Titolu fit-territorju fil-kuntrada ġja msejħa "Ta' Saveria", illum magħrufa ta' Sufa, fil-limiti tal-Qala u mhus kif indikat mill-atturi n-Nadur, kif indikat fiċ-ċitazzjoni huma jiċħdu u jikkontestaw il-pretensjoni attriċi ;

2. Illi l-atturi għandhom juru l-interess ġuridiku neċessarju u suffiċjenti biex jistitwixxu din l-azzjoni u fin-nuqqas il-konvenuti għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju ;

3. Illi pero' l-azzjoni ta' Jattanza hija improponibbli minn persuni li qegħdin jeżerċitaw azzjoni possessorja għaliex l-atturi għazlu illi jfittxu simultaneament ma' din iċ-ċitazzjoni rimedju possessorju u mhux petitorju ;

4. Illi l-esponenti jeċċepixxu illi huma għandhom il-pussess ta' art apparti l-proprjeta' reklamata u konsegwentement ma jistgħux jistitwixxu l-azzjoni kontra l-atturi għaliex l-azzjoni rivendikatorja hija istitwita minn parti li tgħid illi għandha l-proprjeta' u ssir kontra l-parti li għandha l-pussess : hija ġurisprudenza stabbilita illi l-konvenut f'azzjoni rivendikatorja ma għandu jagħmel xejn ħlief juri illi għandu l-pussess . Quddiem din il-Qorti l-atturi pproponew Ċitazzjoni kontestwalment 64/2004 PC fl-istess ismijiet fejn qed jitolbu r-re-integrazzjoni fil-pussess . Il-konvenuti ma jistgħux jipproponu azzjoni ta' rivendika kontra parti li "ex admissis" ma għandhiex il-pussess; konsegwentement, ma tistax tirnexxi almenu f'dan l-istadju l-azzjoni ta' jattanza u għalhekk huwa lok ta' soprassessjoni, li qed titqajjem issa u "in limine litis" ;

Salvi eċċezzjonijiet oħra .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-istess konvenuti kkonfermata bil-ġurament ta’ Michael Portelli .

Rat il-verbal tagħha tas-7 ta' April 2006 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza fuq it-tielet u r-raba eċċezzjonijiet .

Rat in-nota ta' l-Osservazzjonijiet ta' l-atturi .

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda prodotti u d-dokumenti esebiti .

Ikkunsidrat :

Ili din hija kawża ta' jattanza magħmula mill-atturi li jippretendu illi għandhom sew il-pussess kif ukoll il-proprjeta' ta' l-art bil-bini fuqha, deskritta fiċ-ċitazzjoni . Il-konvenuti  wkoll qed jivvantaw drittijiet ta' pussess u proprjeta' fuq l-istess art .

Din is-sentenza *in parte* tittratta biss it-tielet u raba' eċċezzjoni tal-konvenuti li t-tnejn huma ta' natura preliminari u għalhekk f'dan l-istadju l-Qorti mhix ser tidħol fil-mertu tal-każ .

Permezz tat-tielet eċċezzjoni tagħhom il-konvenuti qed isostnu illi l-azzjoni preżenti hija improponibbli minn min qiegħed fl-istess ħin jeżerċita l-azzjoni possesorja .  Dan għaliex hemm pendenti wkoll bejn l-istess kontendenti kawża ta' spoll li tirrigwarda l-art in kwistjoni (ċitaz. Nru. 64/2004) . Naturalment dan qed jgħiduh minħabba d-divjet tal-kumulu tal-petitorju mal-possessorju, li dejjem sab applikazzjoni anke mill-Qrati tagħna .  L-atturi fin-nota ta' l-Osservazzjonijiet tagħhom jittentaw jargumentaw illi dan id-divjet, li ġie importat mill-Qrati tagħna mill-ġurisprudenza kontinentali,  m'għandux jibqa' jiġi segwit inkontestabilment fil-każijiet kollha li l-Qorti jkollha quddiemha .  Infatti jsostnu illi kawża ta' jattanza hija proprju każ fejn għandha ssir eċċezzjoni simili, billi din hija

kawża *sui generis* li la tista' taqa' taħt il-kategorija ta' kawża possessorja u lanqas ta' waħda petitorja .

Imma anke kieku din il-Qorti kellha tagħti raġun lill-atturi f'dan ir-rigward, xorta waħda ser tinħoloq diffikulta' prattika biex il-konvenuti preżenti, f'każ li jkunu sukkombenti f'din il-kawża, jaslu biex jintavolaw il-kawża tagħhom dwar it-titolu pretiż minnhom fuq l-art in kwistjoni, qabel ma tiġi determinata l-kawża ta' spoll .  Dan għaliex, kif tajjeb jispjegaw fir-raba eċċezzjoni tagħhom, f'kawża ta' rivendika, li tkun il-kawża idonea biex wieħed jiġi dikjarat il-proprjetarju veru ta' xi beni kontestati, il-pussess irid ikun qieghed f'idejn terzi .  Mentri huma jsostnu illi l-pussess qiegħed f'idejhom .  Għalhekk b'kawża ta' rivendika ntavolata minnhom f'dan l-istadju tal-proċeduri, meta għadha pendenti l-kawża ta' spoll kontrihom, fejn naturalment qed isostnu wkoll l-istess pussess, ikunu qed jiġu mġegħla minn din il-Qorti jippreġudikaw id-difiża tagħhom fil-kawża pendenti dwar l-ispoll allegat mill-istess atturi .

Għaldaqstant ma tara ebda rimedju ieħor biex issalva l-kawża preżenti billi, f'dan l-istadju tal-proċeduri, tissoprassjedi sakemm tinqata' l-kawża l-oħra ta' spoll .

Għal dawn il-motivi tiddisponi mit-tielet u raba' eċċezzjoni tal-konvenuti, billi tordna s-sopprassessjoni tagħha f'din il-kawża sakemm tiġi deċiża b'mod finali l-kawża ta' spoll (ċitaz. nru. 64/2004)  bejn l-istess kontendenti u pendenti quddiem din il-Qorti wkoll .  Konsegwentement tiddiferixxi l-kawża *sine die*, ri-appuntabbli fuq talba ta' xi ħadd mill-kontendenti wara li l-Qorti tkun iddisponiet b'mod finali minn dik il-kawża .

L-ispejjeż jibqgħu riservati għas-sentenza finali .

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------